KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 6

Is-sitt laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 30 ta' Mejju 2013 fit-18.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier (Daħlet fis-18 :45) |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjonit tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Kostruzzjoni ta' Triq Sacro Cuor u Triq Sant'Agatha*
5. *Management Letter*
6. *Kostruzzjoni ta' Culvert fi Triq Rudolfu*
7. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
8. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 2_23/04/2013 għall-approvazzjoni.

1.2 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li ssir korrezzjoni f'punt 6.9 li tinqara hekk 'Wara li dan ġie propost mill-federazzjoni tas-sajjieda sabiex ikun hemm inqas perikolu minħabba li fuq in-naħa l-oħra ikun hemm id-dgħajjes'. Kien hemm qbil dwar dan.

1.3 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li ssir korrezzjoni f'punt 7.17 li triq tinqara hekk: #Il-Kunsillier M Briguglio appella biex il-Kunsill jgaħamel talba formali lis-Segretarju Parlamentari Jose Herrera sabiex l-iskema għal persuni b'disabilta, biex jaħdmu f'postijiet tal-Kunsill, terħa tinfetaħ. Kien hemm qbil dwar dan.

1.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace ipproponiet korezzjoni f'punt 7.2 li parti mil-frażi għandha tinqara 'kors ieħor' u mhux 'it-tieni kors'. Kien hemm qbil dwar dan.

1.5 Il-Kunsillliera V. Galea Pace qalet li kienet proponiet li għandu jsir *resurfacing* fi Triq Borg Olivier (minn Windsor sa Howard).

1.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tas-seduta 2_23_04_2013 hekk kif korretti . Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 2_23_04_2013*

1.7 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduti 3_3_05_2013 u 4_13_05_2013. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 3_3_05_2013 u 4_13_05_2013*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 3.6 dwar x'se jagħmlu r-Reġjuni dwar il-kuntratti għat-tiswija tad-dawl tat-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill ġie infurmat mid-Dipartiment li ma jistgħax joħroġ tender peress li qed isiru taħdidiet biex tenders ġodda joħorġu mir-Reġjuni. Is-Sindku żied jgħid li l-aħħar laqgħa li kellha ssir ma kienx hemm kworum u ma setgħetx issir. *Kumitat Konġunt għad-dawl fit-toroq*

*Daħal il-Kunsillier Nicolai Gauci fis-18:36*

2.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferit għal punt 7.4 u saqsiet dwar l-istima għax-xogħol li għandu jsir fi Triq il-Kbira (fejn Hole in The Wall). Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talab l-istima lill-kuntrattur iżda għadu ma bgħatiex lill-Kunsill. Madankollu l-kuntrattur informa li din taf tiġi għolja għaliex kull ma hemm ħamrija u m'hemmx sodda tal-konkos min taħt. *Xogħol fi Triq il-Kbira*

2.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għal punt 7.8 il-kwotazzjoni li l-Kunsill kien talab għal *traffic study* għal *one way system.* Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien għażel kwotażżjoni u l-istudju beda. *Traffic Study*

2.4 Il-Kunsill irrefera għall-punt 7.26 sabiex tiġi proposta d-data għall-laqgħa *Laqgħa Annwali*

annwali. Il-Kunsill qabel li għandha ssir fit-2 ta' Lulju 2013 fis-6 ta' filgħaxija.

2.5 Ma kienx hemm materji konnessi mal-minuti 3_3_05_2013

2.6 Il-Vici Sindku irrefera għal minuti 4_13_05_2013 u saqsa jekk it-Transport Malta wieġbux dwar *Controlled Parking Scheme*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għadhom ma wieġbux. *RPZ*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal kont Nru 14 pagabbli lil Ozone Ltd u talab li l-Kunsill għandu jkollu kont dettaljat tal-linji tat-telefon u li jiġu osservati l-użu tal-linji.

3.2 Il-Viċi Sindku irrefera għal kont pagabbli lil Cleansing Services Department dwar il-ħlasijiet għal latrini pubbliċi u talab li dan is-suġġett jittella agenda item. *Latrini Pubbliċi*

3.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret li għal żmien tas-Sajf ikun hemm bżonn li nżidu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrini pubbliċi. Is-Sindku kien semma li l-Kunsill għandu jkollu n-nies tiegħu u jiċċekkja jekk hux il-latrini qegħdin jinfetħu fil-ħinijiet mitluba. Kien hemm qbil li overtime ikun minn Ġunju sa Settembru 2013. *Ħinijiet żejda għas-Sajf fil-latrini pubbliċi*

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kont pagabbli lil MITA. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dak hu għal emails tal-Kunsilliera u staff. Il-Kunsillier J. Pillow qal li hu ma jużahx għaliex qal li mhux prattiku għal raġunijiet varji. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skont il-proċeduri tal-Kunsill, Il-Kunsill għandu jikkomunika permess tal-email tal-Gvern. *Email.gov*

3.5 Il-Viċi Sindku saqsa dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu jagħmel mal-*contracts manager* tal-bozzoz tad-dawl u mal-koordinatur. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din se ssir daqt. *Laqgħa mal contracts manager tad-dawl*

*Daħlet il-Kunsilliera N. Castaldi Paris għas-seduta 18.45*

3.6 Il-Viċi Sindku irrimarka dwar il-kont pagabbli lill MSD u qal li qiegħed jinnota li l-marki ta mal-art qegħdin imorru malajr. Il-Kunsill ġie infurmat li tista tagħmel differenza skont kif ikun it-tarmac.

3.7 Il-Viċi Sindku rrimarka dwar il-kontijiet pagabbli lil Alberta dwar l-użu tar-*recordings* fi Triq Bisazza u saqsa jekk nistgħux nagħmlu *claim* lill-insurance tagħna għaliex din qegħda tiġri spiss u l-Kunsill kull darba qiegħed jeħel l-ispiża. Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk bilfors iridu ngħidu lil Alberta. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb il-*cameras* huma tagħhom kif ukoll jekk dawn ir-recordings jiġu mitluba mil-pulizijia ma jistax ma jagħtihomx. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li din hi xi ħaġa ta' sigurta għal kommunita u ma jara li m'hemm xejn ħażin. *Sorvelljanza*

3.8 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kont pagabbli lil St Clare Primary School dwar il-korsijiet tal-*Life Long Learning*. Is-Sindku informa li għadu kif kellu *Korsijiet LLL*

diskussjoni mal-Head tal-Primarja għaliex il-Kunsill għażel li jagħmel il-korsijiet fis-sekondarja minħabba li tal-Primarja mhiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilta. Madankollu s-Sindku qal li għad m'hemm xejn ikkonfermat u irridu nistennew mill-Edukazzjoni.

3.9 Il-Kunsillier M. Briguglio irrimarka li l-aċċess għal persuni b'diżabilta fl-iskola qiegħed jiġi imblukkat b'vetturi li jippġarkjaw illegalment.

3.10 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-kont pagabbli lill *Auotomated Solutions* dwar il-bozoz li ġew mibdula fi Qui SI Sana għaliex qal li hemm diversi bozzoz mitfijin. Il-Kunsill għandu jiċċekkja ta' liema bozzoz tħallsu eżatt.

3.11 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. KOSTRUZZJONI TA' TRIQ SACRO CUOR U TRIQ SANT'AGATHA

4.1 Il-Sindku propona li isiru xogħlijiet ta' bankini u resurfacing ta' toroq fi Triq Sacro Cuor u Triq Sant' Agatha. Il-Kunsill approva.

## 5. MANAGEMENT LETTER

5.1 Il-laqgħa ġiet sospiża u s-Sindku talab lill-accountant tal-Kunsill jagħti spjegazzjoni tal-*management letter* u r-risposta tagħha għas-sena finanzjarja 2012.

5.2 Fost affarijiet oħra ġew innotati dawn il-punti mill-awditjar:

1. *Li l-Kunsill mhux dejjem jirrikonċilja speċjalment mal-baned*
2. *Fit-2011 kien hemm xi servizzi li ma ġewx ordnati permezz ta' deċiżjoni fil-Kunsill*
3. *Li l-perit għadu ma ċċertifikax il-bankina ta' Triq Sant'Elena u l-Kunsill qisu injora dan il-fatt.*
4. *Dwar il-fairy lights. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kien qabel li nistennew u naraw.*
5. *Li l-perit u l-avukat tal-Kunsill baqgħu ma tħallsux. L-accountant spjega li dawn qatt ma bagħtu kont u s-Segretarju Eżekuttiv kemm il-darba talabhom il-kont.*

*Ġie skużat il-Kunsillier J. Pillow fit-19.19*

6. *Ġie nnotat li mhux kull item għandu FA (Fixed Assets) tagging. L-accountant qal li l-Kunsill kien għamel eżerċizzju fejn ġew immarkati l-affarijiet kollha iżda li jiġri li biż-żmiendawn immorru u wieħed ikollu jerġa jdurhom għaliex kull ma huma stickers u jinqalgħu faċilment.*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow lura għas-seduta fid-19.21*

7. *L-Accountant informa li l-Capital Expenditure ta' Recowatt ġie written off.*
8. *Ġie nnotat li kienu saru xi pagamenti ta' tenders skaduti. Il-Kunsill spjega li kien hemm żmien fejn talab clearance mid-*

*Dipartiment biex ikun jista jkompli sakemm jinħarġu tenders ġodda. Filfatt issa dawn it-tenders kollha ġew regolarizzati.*

9. *Ġie nnotat ukoll li darba ntalbet kwotazzjoni u l-avviż deher fil-Malta Independent biss u mhux fil-Government Gazzette.*
10. *LES Regional funds*
11. *Li l-minuti rridu jiġu binded wara li tingħalaq is-sena*
12. *Kien hemm xi seduta tal-Kunsill li damet iktar minn tlett sigħat.*

*Il-Kunsilliera L. Cassar ġiet skużata mis-seduta fis-19.26*

13. *Ġie nnotat li hemm xi differenza li l-ex Sindku N. Dimech għandu jagħti lura tal-Mayor's Allowance meta kien hemm xi biddla fl-onoraria tal-membri parlamentari. Il-Kunsill qabel li din m'għandux jidħol fiha hu iżda għandu jara d-Dipartiment dwar dan.*
14. *Ġie nnotat ukoll li l-insurance mhux qegħda sinkronizzata mar-records.*

*Daħlet lura l-Kunsilliera L. Cassar fis-19.29*

25. *Kien hemm qbil li għal insurance inżidu l-ħaddiema tal-IPSL ukoll*
26. *Ġie nnotat ukoll li meta Kunsillier ma jkunx jista jattendi għal laqgħa ta Kunsill dan irid jibgħat bil-miktub minħabba l-allowance.*
27. *Ġie nnotat ukoll li meta individwu jiġi jħallas għal servizz ta' gwardjan lokali dawn mhumiex qegħdin jingħataw riċevuta. Il-Kunsill ma jistax jagħti riċevuta għaliex il-flus mhux għal Kunsill u fil-permess ikun hemm nota li l-Kunsill irċieva ammont ta' flus imma ma tistax tkun riċevuta.*

Madankollu ġie nnotat li l-punti li jikkonċernaw din is-sena finanzjarja huma punti żgħar li wieħed xorta għandu josserva. Ir-rapport finanzjarju ġie ppreżentat fil-ħin kif se tkun ukoll ir-risposta għal *management letter.*

Is-Sindku ppropona li tiġi approvata r-risposta għal *management letter.* Il-Kunsillier N. Gauci issekonda. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu. *Approvazzjoni tar-risposta għal management letter*

## 6. KOSTRUZZJONI TA' CULVERT FI TRIQ RUDOLFU

6.1 Is-Sindku ippropona li fi Triq Rudolfu hemm bżonn jinbena kanal ġdid għall-ilma tax-xita għaliex il-culvert li hemm bħalissa inkiser u l-ilma qiegħed jidħol fil-garaxxijiet ta' terzi persuni. Kien hemm qbil dwar dan.

## 7. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

7.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat li l-aħħar ħarġa għal Għawdex li organizzaw hi u l-kumitat tagħha kienet ta' suċċess kbir u ġiet apprezzata ferm mir-residenti. *Ħarġa għal Għawdex kienet apprezzata*

7.2 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa lill-kumitat biex jorganizza tour 'Malta by Night'.

7.3 Il-Kunsillier P. Portelli informa dwar *Sliema Street Art Festival* fejn qal li *Sliema Street Art*

nhar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju fil-12.15 se ssir konferenza fejn ġew mistiedna jattendu s-Segretarju Parlamentari Jose Herrera u l-Ministru Karmenu Vella. *Festival*

7.4 Il-Kunsill ġie infurmat li fis-6 ta' Ġunju se jsir 'Launch Book Show Case' fil-lukanda 'The Palace'.

7.5 Il-Kunsillier P. Portelli wera l-*promotional video* ta' Sliema Street Art Festival lill-Kunsilliera preżenti u informa kif dan qiegħed jagħmel promozzjoni anke barra minn Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rendikont kif dawk Euro 10,000 li kienu ġew approvati f'laqgħa tal-Kunsill qegħdin jiġu mqassma.

7.6 Il-Kunsillier P. Portelli informa lill-Kunsill li mhux ħa ssir l-ebda arti fuq l-*limestone*. Sadanittant bdew isiru xi tpinġijiet fuq il-promenade bħala promozzjoni għall-festival.

7.7 Il-Kunsillier P. Portelli informa li kellna rispons qawwi minn artisti u mużiċisti. Il-Kunsill se jkun qiegħed jorganizza laqgħa biex tiġi organizzata *park and ride* għal din l-attivita' biex intaffu mil-problema ta parkeġġ. Is-Segetarju Eżekuttiv informa li diġa kien hemm xi ħsieb għal Tigne. Il-Kunsilliera L. Cassar issuġġeriet li l-Kunsill għandu jsaqsi wkoll lil *Meridian Hotel* biex it-traffiku jinqassam minn żewġ naħat. *Ħsieb għal park and ride għall-attivita Sliema Street Art Festival*

7.8 Il-Kunsillier P. Portelli ressaq għall-approvazzjoni lista ta' spejjeż oħra ta' madwar Euro 5, 000 għal din l-istess attivita. 'Doc A' anness. Il-Kunsill approva unanimament.

7.9 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa se jiġri mill-injam wara din l-istess attivita. Issuġġerixxa jekk dawn jistgħux jitwaħħlu f'postijiet abbandunati. Il-Kunsill laqa' dan is-suġġeriment.

7.10 Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li għal din l-attivita għandha ssir promozzjoni anke tal-lokalita.

## 8. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar ir-rampa li għanda issir ta' Ferro Bay. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li daqt ser tiġi ordnata.

8.2 Il-Kunsillier M. Briguglio talab għal *railing* mat-taraġ ta' taħt it-Torri.

8.3 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hemm bżonn isir taraġ taħt l-Exiles. Il-Kunsill irid japplika għal PA mal-MEPA. *Taraġ taħt l-Exiles*

8.4 Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa li l-banjijiet tal-bajjiet għandhom bżonn jitnaddfu għaliex qiegħed ikun hemm in-nemus. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill irid joqgħod attent kif jitnaddfu għaliex jista jitħassar il-blat. Kien hemm qbil li jinġibed l-ilma b'xi pompa biex jitnaddfu. *Banjijiet tal-bajjiet*

8.5 Ġie innotat li waqt il-festi qegħdin jitntefgħu l-bricks fil-baħar minħabba l-barkun u mhumiex qegħdin jitnaddfu wara. Kien hemm diskussjoni għaliex ma kienx hemm qbil min għandu jnaddaf għaliex dawn issa ilhom hemm ħafna snin. Il-Viċi Sindku qal li issa l-Kunsill irid jieħu azzjoni biex jitnaddfu. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li nistgħu nattiraw xi *divers* li jkunu jridu jgħinu f'dan it-tindif. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill għandu jitlob stima għat tindif u naraw kemm tiġi. M Briguglio propona li mal-għajnuna li l-Kunsill jgħati lill-għaqdiet tal-baned, isiru kundizzjonijiet ta' dan it-tindif wara li jtellgħu in-nar. *Tindif ta' bricks mil-baħar*

8.6 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li r-roti jkunu jistgħu jsuqu fit-triq. Il-Kunsillier M. Briguglio li hemm bżonn li jiżdiedu aktar *bicycle racks* eżempju x-Xatt fejn Marks and Spencers, Manwel Dimech fejn l-Għassa, fejn l-uffiċċju tal-Arriva, fejn l-uffiċċju tal-Kunsill, u St Anne Square. Kien hemm qbil dwar dan iżda l-*bicyle racks* iridu jkunu differenti mil-aħħar li ordnajna. *Użu tar-roti*

8.7 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li l-Kunsill jista jagħmel messaġġ pożittiv favur l-użu tal-bicycles. Il-Kunsillier J. Pillow qal li ma tantx jaqbel ma dan għaliex jekk jinqala inċident jista jeħel il-Kunsill. Il-Kunsillier P. Radmilli ma jaqbilx ma dan għaliex jekk wieħed ma jsegwix is-sinjali tat-traffiku ma jkunx tort tal-Kunsill. Ġie nnotat li l-Kunsilliera M. Briguglio, L. Cassar u P. Radmilli qegħdin jiltaqgħu kull ħmistax (it-Tnejn fit-3pm) ma esperti tal-użu tar-roti u min irid jista jattendi.

8.8 Il-Kunsillier P. Radmilli ippropona li jsiru *sharrows* fit-triq u b'hekk jibda jinħoloq awareness. Din għandha tiġi deċisa darb'oħra.

8.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm bżonn li-Kunsill jinvesti f'*server* aħjar. Il-Kunsill għandu jitlob tlett stimi u jagħżel l-irħas wieħed. *Server għall-Kunsill*

8.10 Il-Kunsill ġie avviċinat mill-'Meats and Eats', fejn dawn jixtiequ rampa bħal ma hemm tal-Maltapost fi Triq Sir Adrian Dingli. Il-Viċi Sindku qal li bir-rampa eżistenti l-bankina ma baqgħetx aċċessibbli speċjalment għal *wheel chairs.*

8.11 Il-Kunsilliera M. Briguglio u P. Portelli qalu li l-Kunsill għandu jagħmel ċar li mhux ma jaqbilx mar-rampa iżda li l-bankina tkun aċċessibbli. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill għandu jsaqsi lil KNPD. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier P. Radmilli qal filkaż insaqqsu hemmx alternattiva oħra kif issir ir-rampa.

8.12 Il-Kunsillier P. Portelli ssuġġerixxa li ssir camera fi Triq Dingli għaliex qiegħed ikun hemm konġestjoni sħiħa min jieqaf għal ħaġa u min għal oħra. Informa ukoll li x-Xatt quddiem il-*Black Gold* qiegħed ikun hemm *double parking.*

8.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talab għal stima ta' *maintanance agreement* għal Gnien Bonello Dupuis u din tiġi tiswa Euro 225 fix-xahar. Il-Kunsill *Manutenzjoni għal Ġnien Bonello Dupuis*

talab li l-istima tiġi riveduta għall-irħas prezz.

8.14 Il-Kunsilliera L. Cassar infurmat lill-Kunsill li hemm restaurant 'La Pappa' fi Qui Si Sana li qiegħed jitlob għall-depożitu ta' mwejjed u siġġijiet u li dan għandu l-permessi kollha neċessarji. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill għadu qatt ma rċieva l-ebda talba mill-*Lands Department* għal dan id-depositu fuq il-bankina. *Talba għall-estensjoni ta' bankina*

8.15 Is-Sindku qal li mod qiegħed jitlob għall-okkażjoni ta' darba u mod għal dejjem, għaliex wasslulu rapporti li dan qiegħed bla permess. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li sa ftit ilu l-Kunsill ma kienx jaqbel ma mwejjed u siġġijiet. Qal ukoll li dan għandu jimxi skont il-proċedura bħal kull individwu ieħor.

8.16 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jekk ta' ħdejh għandu tara nġusta li m'għandux.

8.17 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li dan ma kellux il-permessi kollha filfatt id-dokumenti kienu sparixxew mill-MEPA.

8.18 Is-Segretarju Eżekuttiv talab għall-istruzzjonijiet mill-Kunsill jekk tasal it-talba mil-*Lands Department*. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li minħabba *time frame* jekk nirċievu t-talba dan m'għandux jistenna laqgħa oħra tal-Kunsill u għandu jingħata 'no objection'

8.19 Il-Kunsillier N. Gauci issuġġerixxa li għandha tintbagħt e-mail.

*Il-Viċi Sindku telaq mis-seduta fid-21.54*
*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skużat mis-seduta fis-21.54*

8.20 Il-Kunsillier M. Briguglio jaqbel li din tittella Kunsill bħal kull applikazzjoni oħra.

8.21 Il-Kunsillier P. Radmilli li tkun diffiċli ħaġa bħal din tkun kommunikata b'email.

8.22 Il-Kunsilliera M. Aquilina taqbel li jekk għandu kollox in regola m'għandux jistenna.

*Daħal lura għas-seduta il-Kunsillier P. Portelli fl-21.55*

8.23 Is-Sindku qal li jekk għandu kollox in regola m'għandux ikun problema.

8.24 Il-Kunsilliera V. Galea Pace issuġġeriet li għandu jkun hemm *sleeping policeman* fi Triq Carmel quddiem Paris Mode. Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-Kunsill kellu jneħħi diversi *sleeping policeman* għaliex dawn jagħmlu ħafna ħsejjeż li jdejqu lir-residenti.

*Il-Kunsilliera L. Cassar u N. Gauci ġew skużati li jitilqu mis-seduta fit-22.10*

**9. AĠĠORNAMENT**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fl-22.16 u l-Kunsill għandu jiltaqa nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2013 fis-6pm għal suġġerimenti mil-Kunsilliera.

Minuti approvati llum 27/06/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**